**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u disgħin (95) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju 2018 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Muscat | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku li qalet it-talba wara li inxtgħelu l-mikrofoni fis-6.45pm.

95.01 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-minuti taż-żewġ seduta preċedenti (93 u 94)kienu mressqa għall-vot minn Charlene Muscat u ssekondati mill-Anita Farrugia u dawn ġew approvati b'mod unanimu b'dawn il-korrezzjonijiet.

93.03.04 Inqatgħu il-kelmiet 'minn Charlene Muscat' u żdiedu 'minnha wara li rat ix-xogħol ta' kwalita' li dawn l-artisti għamlu flimkien mal-Imqabbi Antoine Farrugia. Dan kien konfermat mill-kunsillieri li kienu preżenti. Għaldaqstant se ssir korrezzjoni.'

93.05.05 Inqatgħet il-kelma 'qalet' u ddaħħlet il-kelma 'infurmatna.'

93.03.06 Inqatgħu il-kelmiet 'kienx hemm sit' u ddaħħlu 'kienux diskussi siti'. Inqatgħet ukoll il-fraħi 'f'barriera użata f'post ODZ'.

93.03.09 Iddaħħlet il-frażi 'wara li jkollna f'idejna l-kopja finali tal-fuljett.' Wara l-kelmiet 'għall-iżbalji'.

93.03.10 Inqatgħu il-kelmiet 'li l-istess żgħażagħ ma kellhomx attendenza' u ddaħħlu 'nuqqas ta' konkorrenza'.

93.03.11 Inqatgħet il-kelma 'se' u wara l-kelma ħlas iddaħħlu 'hu maħsub li'.

93.03.14 Iddaħħlu l-kelmiet 'kien deċiż illi l-KLM jinforma lis-Sanita' u jekk ikun hemm l-ispejjeż tal-ħsarat jitħallsu mill-KLM għax dawn kienu seħħew wara li tlestiet il-bankina mill-KLM.'

95.02 Komunikazzjoni mis-Sindku;

95.02.01 Proposta ta' *Bicycle park;*

Għall-proposta mit-tfal tal-*year 3* biex ikollna ***bicycle park*** fl-Imqabba is-Sindku ipproponiet illi dan isir fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Il-proposta hija li mad-dawra tal-ġnien fuq ġewwa jkun hemm trakka.

95.02.02 Kors fl-ewwel għajnuna;

Kienet diskussa l-proposta li saritilna għal taħriġ (kors) fl-**Ewwel Għajnuna**. Charlene Muscat qalet illi se nissussidjawh għal kull min jitħajjar jattendi għalih. Dan ifisser li l-KLM se jkun qed iħallas €300 għall-ewwel għaxra minn nies li japplikaw u se jsir fil-bidu ta' Lulju 2018.

95.02.03 Seminar mil-LESA dwar Eco Issues u Maniġjar tat-Traffiku;

Is-Sindku semmiet ukoll il-proposta li saritilna biex jiġi organizzat seminar mill-LESA, bejn it-18 u t-22 ta' Ġunju, mis-6.00pm 'l quddiem. Is-suġġetti li se jiġu diskussi huma is-**saħħa u s-sigurta' fit-toroq.**

95.02.04 Charlene Muscat qalet illi s-smigħ tal-każ tad-**Dar tal-Anzjani** minn *Projects Malta* se jsir nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2018.

95.02.05 Charlene Muscat talbet lis-SE biex ifittex il-korrispondenza li kien hemm bejn TM u l-KLM illi **Triq Ħal Kirkop saret *one way.***

95.02.06 Charlene Muscat ipproponiet illi d-Diviżjoni tax-Xogħlijiet iħaffrulna il-**ħofor tal-arbli tal-festa**. Talbet ukoll lis-SE sabiex japplika għall-permess tat-tħaffir.

95.02.07 Is-Sindku ipproponiet biex il-KLM iġib l-informazzjoni dwar ċertu Salvatore Schembri u dwar il-werrieta tiegħu biex ikun ippreżentat it-testment tiegħu fil-qrati minħabba l-każ tal-iskart fi Triq Ħal Kirkop.

95.02.08 Charlene Muscat semmiet il-proposta tal-**ħaġra li se titpoġġa f'nofs Pjazza Ġublew tad-Djamanti** biex tiġi minquxa u t-talba li għamilna lill-artisti biex jagħtuna l-abbozz u d-dimenzjoni tagħha.

95.02.09 Charlene Muscat semmiet il-kawża li kienu għamlulna l-**Awtorita' tas-Saħħa u s-Siġurta' fuq il-post tax-xogħol**.

95.02.10 Dwar il-**Festa Nar 2018** li kienet organizzata fil-lokalita' tagħna, intqal illi din kienet suċċess.

Anita Farrugia telqet fis-7.30pm wara li kienet skużata mill-KLM.

95.02.11 Charlene Muscat talbet lill-kunsillieri jaħsbu għall-ħarġa li jmiss tal-**fuljett**.

95.02.12 Charlene Muscat semmiet il-**proġett taż-żgħażagħ** u qalet illi l-KLM irid jibbenefika tal-inqas minn €7,000 mill-Fond għat-Titjib Urban tal-Awtorita' tal-Ippjanar u sadanittant irridu nħallsu €472 lill-MCCAA skont il-perit tal-KLM. Hija talbet biex il-KLM jindaga dwar il-proposta illi semgħet biha fejn dan il-fond għal dawk il-KLi li għandhom inqas minn €50,000 se jiżdidulhom fil-kont tagħhom il-kumplament sa mal-bilanċ ikun jaqra €100,000. Hija qalet illi jekk inhu minnu għal ftit mhux se jsirilna hekk peress li naqbżu t-*treshold* u għalhekk hemm bżonn li nagħmlu t-talba lill-Ministru.

95.02.13 Is-Sindku semmiet il-**ġibjun il-ġdid** u qalet illi issa l-*clearance in principle* mill-Awtorita' tal-Artijiet ħarġet u imxejna pass ieħor.

95.02.14 Is-Sindku qalet illi issa Valerie Galea marret taħdem mill-*back office* għall-*front office* fis-sular t'isfel biex il-pubbliku jkun moqdi aħjar.

95.02.15 Charlene Muscat tkellmet dwar it-**trakkijiet li għaddejjin minn Triq Valletta**.

95.02.16 Is-Sindku semmiet il-problema li l-**kuntrattur tal-ġonna** mhux qed jieħu ħsieb biżżejjed il-qtugħ tal-ħaxix u xi pjanti ġodda qed jinxfu mingħajr tisqija. Hija qalet li bagħatna l-filmat li kien imtella' fuq *facebook* lil Dr Cuschieri u dan għadu ma weġibniex. Qalet ukoll illi jrid ikun ir-*Regional Manager* li jiġbed l-attenzjoni, għaldaqstant dan hu aġir mhux aċċettabbli.

95.02.17 Is-Sindku qalet illi għandna nkellmu lis-Sur Joe Farrugia l-Farell biex jgħin lil KLM fix-xogħlijiet tiegħu.

95.02.18 Is-Sindku qalet illi propju l-bieraħ suppost kellna **laqgħa** skedata **mas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju** u dawn qalu li ma rċevewx l-istedina bil-posta tradizzjonali. Hija qalet illi kienet mitluba mis-soċjeta' illi l-komunikazzjoni ssir permezz ta' e-mail mas-Segretarju is-Sur Julian Falzon filwaqt li ppproponiet illi din il-**laqgħa (drink) ssir nhar l-14 ta' Mejju** fis-7.15pm u s-SE se jibgħat calendar invite.

95.03 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

95.03.01 Michel Farrugia ippropona ***no entry sign*** fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fis-*service road* quddiem l-istabbiliment *Ohio*.

95.03.02 Michel Farrugia qal ukoll illi **Triq iċ-Ċavi** hija wkoll maħmuġa u hemm bżonn illi tinkines sew u jintqata' l-ħaxix ħażin.

95.04 Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunita'; Ċirk SPI 3/18;

Dwar l-iskema ta' **tagħlim u proġetti fil-komunita'** is-Sindku qalet illi ser napplikaw għall-ECDL biex ngħinu lin-nies jintegraw fid-dinja tax-xogħol. Charlene Muscat qalet illi għandna naraw il-proposta tat-TCTC billi huma ppreparawlna kollox skont ir-rekwiżiti tal-iskema, iżda nixtiequ klarifika dwar it-€300 kull persuna fil-proposta u fl-e-mail kiteb €350. Charlene Muscat qalet ukoll illi it-**TCTC** fil-proposta qabad u kiteb li l-KLM se joħroġ €2,000 mil-fondi tiegħu, u dwar dan ukoll irridu klarifika.

Fit-1945hrs daħlet Grace Marie Mallia għal-laqgħa.

95.05 GAL Xlokk – applikazzjonijiet għal fondi mill-Unjoni Ewropeja;

Għall-proposta tal-GAL Xlokk biex ikunu indirizzati il-***green areas,*** Charlene Muscat qalet illi hija tipproponi biex il-KLM jiżviluppa is-***Central Strip*** li għandna fil-**by-pass** u nagħmlu proposta biex dawn l-irqajja inġibuhom uniformi u jiġu pariġġ. Dwar dan ma kienx hemm oġġezzjoni.

Is-Sindku infurmat lill-KLM illi minn hawn u ftit minuti oħra ġej jiltaqa' magħna Fr Anton Damato biex iberikna.

95.06 Eżodu tal-attivita' fil-lokal fl-*Earth Day*;

Għall-***Earth Day*** ħadu sehem is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv mill-KLM u xi volountieri oħrajn. Se nirringrazzjaw lis-Sur Joseph Farrugia li kien il-*leader* assenjat fuq l-Imqabba fi Sqaq Buħar kif ukoll lill-voluntieri li ġew mil-Każin tal-Futbol.

95.07 Eżodu tal-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali;

Mill-eżodu tal-**laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Silvio Parnis** is-SE ta kopja tal-punti li ħa.

95.08 Aġġudikar tal-offerta pubblika tal-latrina;

Il-viċi sindku Grace Marie Mallia u l-kunsillieri Paul Spiteri u Anita Farrugia evalwaw online tramite l-EPPS l-**offerta pubblika tal-latrina** li ħarġet fl-2017.

95.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Is-Sindku issospendiet il-laqgħa mit-2045 sad-2115 sakemm il-KLM iltaqa' ma' Fr Anton Damato. Aktar tard il-KLM approva ċ-**ċedola tal-pagamenti numru 546** minbarra items numri 1, 34 u 37.

95.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgħa tal-KLM intemmet fid-9.30pm u li jmiss se jsiru fit-28.5.2018 u fid-19.6.2018 fis-6.00pm.

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati nhar it-28 ta' Mejju 2018 minn Dr Charlene Muscat
Segretarju Eżekuttiv Sindku